# L-IKONA TAL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

## Riflessjoni Storika u Artistika

*Alexander Bonnici O.F.M.Conv.*



L-Ikona tal-Madonna tal-Mellieħa (seklu 11-12)

## L-EQDEM IKONA TAL-MADONNA

Pittura fuq il-blat xejn ma hi komuni fil-gżejjer tagħna. Hu diffiċli ħafna li niskopru xi waħda ta' qabel is-seklu Ħdax. L-istudjużi ta' l-arti huma unanimament konvinti li dawk l-opri ta' arti li kienu meqjusin ta' l-ewwel sekli tal-kristjaneżmu huma kollha mibnijin fuq rakkonti li jintilfu fil-leġġenda. Hu diffiċli li nsibu xi pittura ta' qabel is-seklu ħdax. Fost l-iżjed qodma ta' Malta, hemm dawk li qegħdin fl-ipoġew ta' taħt il-knisja ta' Sant' Agata tar-Rabat, li llum hi f'idejn is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Madankollu, l-ikona tal-Mellieħa għandha tiġi meqjusa fost l-eqdem li jeżistu f'Malta. Ma nafux li hawn xbiha tal-Madonna qadima iżjed minnha. Insejħulha *Ikona* għax din il-kelma tintuża għal xbiha li tkun turi xi ħaġa jew xi persuna li jistħoqqilha li tingħata qima. Għalhekk, trid tkun dejjem xbiha sagra.

Ix-xbiha tal-Mellieħa turina l-Madonna bil-Bambin Ġesu' fuq drieghha l-lemini.

## STIL BIŻANTIN

Studjużi ta' l-ikonografija marjana ta' l-imgħoddi jżommu li dan l-istil hu marbut ma' ċirkustanzi li jafu l-ewwel bidu tagħhom lill-belt ta' Kostantinopli. Hi dik l-istess belt li, fi żmien l-Imperaturi Rumani li kienu pagani, kienet magħrufa bħala *Bizantium*. Imbagħad, issemmiet Kostantinopli għall-Imperatur Kostantinu l-Kbir. Meta l-belt waqgħet f'idejn it-Torok, mis-seklu ħmistax bdiet tissejjaħ *Istanbul*. Għadha hekk sal-lum, għalkemm kittieba nsara ta' kull żmien ippreferew li jsejlulha *Kostantinopli*.

Fl-ewwel żmien tas-seklu tmintax, l-ikona meqjuma kienet tal-pittur magħruf *Francesco Zahra*. Dan il-pittur magħruf tas-seklu tmintax għamel pittura tal-Madonna fuq dik li kien hemm għax il-qadima kienet fi stat ħażin ħafna. Imma, fl-1972, l-iskultur u restawratur Samuel Bugeja għamel xogħol delikat u ta' responsabbiltà kbira biex jirrestawra dik l-ikona tal-Mellieħa.

## RESTAWR MINN SAMWEL BUGEJA

Jiena kkomunikajt ma' Samuel Bugeja personalment. Tkellimna fuq it-telefon u għogbu jiktibli żewġ ittri fit-3 u 17 ta' Diċembru 2000 ħalli jagħtini l-feħma tiegħu bħala persuna esperta fir-restawr.

Waqt li kien qed jagħmel xogħol ta' restawr fis-Santwarju tal-Mellieħa, lil Buġeja rriżultalu li taħt il-pittura ta' Francesco Zahra kien hemm sfond ta' kisja bid-deheb. Kien hemm ukoll f'għamla ta' kwadrati l-ilwien bojod u ħomor.

Għalkemm dawn kienu l-ilwien tan-Normanni, ma jidhirx li l-Konti Ruġġieru għandu rabtiet ma' xi opri ta' arti f'Malta meta hu daħal fil-gżira tagħna fl-1091. Fil-fatt, il-Konti Ruġġieru u n-Normanni ma baqgħux f'Malta. L-Għarab baqgħu jaħkmu sa l-1127 meta, f'isem in-Normanni, ir-Re Ruġġieru I okkupa 'l Malta.

Fl-ittra li Samuel Buġeja kiteb lili fis-17 ta' Diċembru 2000, hu stqarr: "Teżi li ħadd ma jista' jikkontradixxi hi li l-Madonna kienet teżisti qabel ma tpittret il-pittura ta' żmien in-Normanni. Ħadd ma hu se jpitter saqaf bid-deheb jekk ma jkunx hemm immaġini fin-nofs tas-Santwarju. Kemm żmien qabel l-epoka ta' Ruġġieru I ma nafux. Li wieħed jgħid li l-Madonna tappartjieni għall-paleokristjan tista' tkun azzardata. Imma l-karatteristiċi tal-pittura jeħduna għal ħafna żmien qabel il-miġja tan-Normanni f'Malta".

## TAS-SEKLU ĦDAX ?

Jidher li l-pittura tal-Madonna direttament fuq il-blat hi tas-seklu ħdax. Issemma d-deheb li kien hemm mas-saqaf. Imma ta' min iżid li, waqt li d-deheb kien taħt il-pittura ta' l-Isqfijiet, ma kienx hemm deheb madwar il-pittura tal-Madonna. Ir-raġuni ta' dan ma nistgħux inkunu nafuha.[1]

Qatt ma nistgħu nkunu nafu min kien dak l-artist li pitter l-ikona tal-Mellieħa.

Studjużi ta' l-arti jarawha ta' ispirazzjoni biżantina. Ġie li nkiteb li setgħet tpittret minn xi artist Sqalli jew ta' l-Italja Meridjonali. Imma l-argumenti li nġiebu m'għandhomx qawwa ta' xi prova li nistgħu norbtu fuqha. Ir-raġuni waħdanija ta' din l-ipotesi hi li, fl-ikona tal-Mellieħa, hemm ħafna xebħ ma' xbihat impittrin fuq il-ħajt fi knejjes imħaffrin fil-blat, li sal-lum għadna narawhom fi Sqallija.[2]

Dan hu argument bla saħħa. Ix-xebħ ma' opri tas-seklu tlettax jew erbatax ma jġibx miegħu li l-ikona tal-Mellieħa hi ta' dak iż-żmien. Din hi ipotesi dgħajfa ħafna.

## LEJN STUDJU INTRINSIKU

L-istudju intrinsiku li sar fuq l-ikona għadu ma hux sodisfaċenti. Dan ifisser li l-pittura għadha ma ġietx studjata biżżejjed fiha nnifisha. F'dak iż-żmien ta' l-iskoperta tal-pittura minn Samuel Bugeja, ġew konsultati esperti barranin ta' l-arti.

Dawn talbuhom biex jibagħtu xi framment mill-pittura. Imma dak li ntbagħat kien ftit wisq. Għalhekk, ma kienx biżżejjed biex isir l-istudju intrinsiku li kien meħtieġ. Min-naħa l-oħra, billi parti mill-pittura hi diġa' mitlufa, ma kienx possibbli li jintbagħat framment ta' daqs akbar. Sal-lum, it-tama waħdanija hi li espert ta' l-arti li jkun ta' min joqgħod fuqu jiġi fostna, u jeżamina l-ikona direttament fuq il-post.[3]



Maria Omm Alla (Kazan seklu 18)

## IL-MESSAĠĠ: MARIJA HI OMM ALLA

Il-pittur ta' l-ikona tal-Mellieħa għandu f'moħħu li jwassal messaġġ. Hu jrid juri anki lil dawk li ma jafux jaqraw li n-nisrani għandu jemmen f'dak li kien ġie definit fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431. F'dak il-Konċilju, il-Knisja kkundannat it-tagħlim żbaljat tal-Patrijarka Nestorju, u għallmet li, fi Kristu, ma kienx hemm żewġ persuni: waħda ta' Alla u oħra ta' bniedem. Fi Kristu, naraw li kien hemm żewġ naturi, imma persuna waħda. Billi l-omm ma tnissilx in-natura umana imma, il-persuna, Marija hi tassew l-Omm ta' Alla. Għalhekk, fl-ikona tal-Mellieħa, lill-Madonna narawha b'Ġesu' ċkejken fuq dirgħajha. Dan jintrabat ukoll ma' l-ewwel titlu li kellha l-knisja bikrija tal-Mellieħa. Ma kenitx imsemmija għat-twelid tal-Madonna. Kienet iddedikata għall-Annunzjata. Kienet tfakkar meta lill-Madonna tħabbrilha li Alla stedinha biex taċċetta li tkun l-Omm tal-Messija. Malli hi wieġbet: "Ikun minni skond kelmtek", l-Iben ta' Alla tnissel ġewwa fiha. F'dak il-waqt hi saret l-Omm ta' Alla.

Iżjed tard, għal raġuni li ma nafuhiex, il-festa nbidlet ma' dik f'ġieħ it-twelid ta' Marija.[4]

Noti:

1. Dan li ktibt hu l-frott tal-kuntatti diretti li kelli ma' Samuel Bugeja. Dwar Bugeja, b'rabta ma' dan, inkiteb: "In 1972, he discovered the oldest image of the Virgin Mary at the Mellieha Sanctuary": Michael J. Schiavone - Louis Scerri, *Maltese Biographies of the Twentieth Century,*- PIN, Malta 1997, 100.
2. Vincenz Borg, *Iż-Żjara tal-Qdusija Tieghu l-Papa fis-Santwarju tal-Mellieħa, 1990, 11* ; Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands,* Said 1989, 83.
3. Dan li qed nikteb hu mibni fuq it-tagħrif li Samuel Bugeja ta lili personalment.
4. Indikazzjoni dwar dan insibuh f'A. H.J. Prins, *In Peril on the Sea: Marine Votive Paintings in the Maltese Islands,* Said, 1989, 83.